

# Programmi ta' Attività

## Il-Programmi ta' Attività huma mfasslin biex jgħinu l-anzjani u lin-nies b'diżabbiltà jibqgħu b'saħħithom u attivi billi jingħaqdu f' attivitajiet interessanti, soċjali u ta' pjaċir

### Il-Programmi ta' Attività joffru opportunità biex:

- Tkompli tgawdi n-namriet qodma u tipprova oħrajn ġodda
- Tagħmel ħbieb ġodda u tfittex interessi ġodda
- Iżżom 'l ġismek u 'l moħħok attivi
- Tkun infurmat/a dwar is-servizzi tas-saħħa u komunitarji

Il-Programmi ta' Attività jistgħu jipprovdu wkoll il-mistrieħ lil dawk li jduru b'xi ħadd.

Is-Servizzi tal-Merri Community Health iħaddmu 25 Programm ta' Attività differenti kull ġimgħa. Xi attivitajiet isiru fiċ-centri tagħna waqt li oħrajn huma bażati fil-komunità.

### L-Attivitajiet isiru:

- F' Ilma Lever Gardens, Coburg
- F' 5D Cromwell Street, Glenroy
- Fi 382-386 Moreland Road, Brunswick West
- Barra u madwar fil-komunità
- F'Servizzi Residenzjali Ssapportjati

Billi jkunu offruti varjétà ta' attivitajiet żgur li jkun hemm waħda li taqbel mal-ħtiġijiet u l-interessi tiegħek. L-attivitajiet isiru bejn id-9:30am u t-3pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Għal ħafna attivitajiet, il-karozzi modifikati tagħna jistgħu jipprovdu t-trasport lejn u lura mill-attività. U l-kok dħuli tagħna jiżgura li jissodisfa l-ħtiġijiet tad-dieta tiegħek biex tkun tista' tgawdi ikla bnina, msajra friska.

### Tagħżel u tingħaqad fi programm ta' attività

Il-Mexxej tat-Tim tal-Programm ta' Attività jesplora miegħek liema attivitajiet jissodisfaw l-aħjar il-ħtiġijiet u l-interessi tiegħek. Kultant taqta' qalbek biex tingħaqad ma' grupp ġdid. Jekk tħossok xi ftit inċert/a u eżitanti li tiġi magħna, Mexxej ta' Tim jista' jissapportjak sakemm tħossok kunfidenti biex tibqa'.

### Min jista' juża dawn is-servizzi?

- Ir-riferimenti għall-programmi tal-attivitajiet jistgħu jsiru minn individwi (jirreferu lilhom infushom), dawk li jduru b'xi ħadd, professjonisti tas-saħħa inklużi t-tobba u provdituri oħrajn ta' xi servizz.
- Tkun tista' tingħaqad ma' wieħed mill-gruppi tagħna jekk inti fraġli, għandek diżabbiltà jew issibha bi tqila biex tattendi waħdek attivitajiet jew klabbijiet oħra.

### Kemm tiswa?

Il-miżati tal-programm tal-attività għall-individwi ġeneralment mhumiex iktar minn $12 kull sessjoni. Meta ċċempel għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok itlob il-prezzijiet speċifiċi tal-programm.

### Għal iktar tagħrif u appuntamenti:

- Ċempel is-Service Access fuq (03) 9388 9933

Pubblikat f' Awwissu, 2010

Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

Merri Community Health Services

www.mchs.org.au